MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tal-5 ta' Mejju, 2004

Numru 367/2004

**Il-Pulizija**
**Spettur Yvette Farrugia**

**V**

**STEPHEN VASSALLO**
**MARK SCIORTINO**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputati **STEPHEN VASSALLO** ta' tmienja w ghoxrin sena bin Anthony u Maryanne nee Vella, imwieled Pieta nhar l-wiehed w ghoxrin ta' Marzu 1975 u residenti Block H, Flat 6, Triq il-Lellux, Santa Lucija, detentur tal-karta tal-identita numru 162975M u **MARK SCIORTINO** ta' ghoxrin sena bin Louis u Mary nee Galea, imwieled Pieta nhar l-hamsa ta' Frar 1984 u residenti Block R, Door A, Flat 7, Triq ic-Cinerarja, Santa Lucija, detentur tal-karta tal-identita numru 98284M gew mressqa quddiemha

akkuzati talli nhar s-sitta ta' April 2004 ghall-habta tal-hdax u nofs ta' filghodu:

1. fil-Kazin tal-Labour ta' Santa Lucija wrew il-hsieb b'atti esterni u taw bidu ghall-esekuzzjoni ta' delitt u cioe ghamlu tenattiv biex jikkommettu serq ta' television u decoder ta' valur ta' aktar minn mitt lira maltin, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur u bil-mezz;

2. talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, voluntarjament hassru, ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe ghad-detriment tal-Kazin tal-Labour ta' Santa Lucija, liema hsara teccedi l-hamsin lira maltin;

3. **STEPHEN VASSALLO wahdu** talli fil-hamsa ta' April 2004 u fis-snin ta' qabel din d-data, f'Santa Lucija u fi bnadi ohra f'dawn il-Gzejjer, kellu fil-pussess tieghu d-droga Eroina jew preparazzjonijiet li kellhom l-bazi ta' din is-sustanza;

4. Talli sar recidiv billi kiser il-kundizzjonijiet ta' diversi sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati ta' Malta liema sentenzi saru definittiv;

5. **MARK VASSALLO wahdu** talli fil-hamsa ta' April 2004 u fl-erbgha snin ta' qabel din d-data, f'Santa Lucija u fi bnadi ohra f'dawn il-Gzejjer, kellu fil-pussess tieghu d-droga Eroina jew preparazzjonijiet li kellhom l-bazi ta' din is-sustanza.

Rat d-dokumenti kollha esibiti fosthom il-Fiat tal-Avukat Generali datat sebgha ta' April 2004 ai termini tas-sub artikolu 2 tal-artikolu 22 tal-Ordinanza dwr il-Medicini Perikoluzi [Kap 101] esibiti fl-atti markat bhala dokument E u F a fol 10u 11 kif wkoll l-Kunsens tal-Avukat Generali ai termini tal-artikolu 370(4) esibit bhala dokument G a fol 12 tal-atti odjerni sabiex din il-kawza tigi titmexxa bi procedura sommarja.

Rat li l-imputati ma kellhomx oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi trattat u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha ta' gudikatura kriminali kif jirrizulta mill-ezami li sar nhar s-

sebgha ta' April 2004 fil-konfront taz-zewg imputati nhar ai termini tal-artikolu 370(4), 390(1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet l-ammissjoni tal-imputati kif registrata fl-atti fis-seduta ta' nhar s-sebgha ta' April 2004, u cioe fil-jum meta gew mahlufa l-akkuzi odjerni fil-konfront tal-imputati u meta sar l-ezami ai termini tal-artikolu 370(4), 390(1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-artikolu 453(1) tal-Kap 9 u cioe wara li l-imputati wiegbu li huma hatja din l-Qorti wissiethom b'mod l-aktar solenni fuq l-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba taghhom u taghthom zmien xieraq biex jekk iridu jergghu lura minnha u kien wara li staqsiethom t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet biex taghti kaz din l-ammissjoni taghhom.

Illi ghalhekk fuq ammissjoni tal-stess imputati, l-Qorti tiddikjara li qed issbhom hatja tal-akkuzi kollha kif dedotti kontra taghhom.

Semghet lil imputat **Stephen Vassallo** jiddikjara li huwa lest li jibda programm ta' rihabilitazzjoni sabiex jindirizza il-problema li hu ghandu tad-droga filwaqt li l-imputat **Mark Sciortino** jiddikjara li huwa ma jridtx jaghmel tali programm ghaliex, fil-fehma tieghu, jista jindirizza l-problema tieghu wahdu, minghajr l-ghajnuna ta’ terzi.

Ikkunsidrat:

Illi l-Avukat Difensur talab lil Qorti sabiex hija tordna li jsir pre sentencing inquiry report taz-zewg imputati u dan ai fini ta' piena.

Il-Qorti laqghet tali talba u ghal dan l-ghan innominat lil Carmen Borg sabiex thejji tali rapport.

Rat il-pre sentencing reports fil-konfront tal-imputati esibiti minn Carmen Borg nhar s-sitta w ghoxrin ta' April 2004 markati bhala dokumenti CB fil-konfront tal-imputat

Stephen Vassallo a fol 23 et seq tal-atti u dak ta' Mark Sciortino markat bhala dokument CB 1 a fol 42 tal-atti.

Illi minn ezami tar-rapport dwar **Stephen Vassallo** [fol 23 et seq] jirrizulta li l-imputat diga nghata sentenza ta’ habs u ghamel zmien kemm taht arrest preventiv kif ukoll jiskonta sentenza ta’ prigunerija fil-Facilita` Korrettiva ta’ Kordin. Illi huwa ukoll gie istituzzjonalizzat gewwa l-Isptar Monte Carmeli fis-sena 2000 go Ward 10 meta fi kliem l-istess imputat “kienet qabzitlu c-cinga”. Fis-sena 2004 ghamel xi zmien ukoll go Dar l-Impenn pero telaq minn hemm peress li ma kienx qed ihossu tajjeb.

Illi skond l-informazzjoni mghotija mill-psikjatra lill-Probation mill-psikjatra, **Stephen Vassallo** jabbuza minn numru ta’ sustanzi u fil-present jinsab fuq ammont ta’ 20mg Methadone. Illi ghalhekk m’hemmx dubju, kif ben tajjeb spjegat l-Ufficjal tal-Probation u l-imputat ghandu problema serja ta’ abbuz ta’ sustanza illegali liema problema ikkondizzjonat il-hajja tieghu. Jirrizulta ukoll li l-imputat diga kien qieghed taht is-supervizjoni ta’ Ufficjal tal-Probation, jattendi Counselling mal-Agenzija Caritas izda dan nonostante l-imputat rega kiser duffrejh mal-ligi.

L-Ufficjal tal-Probation ikkonkludiet ir-rapport taghha billi issugeriet lill-Qorti sabiex hija tikkonsidra li tordna lill-imputat jibda u jiffinalizza l-programm residenzjali kontra l-abbuz mid-droga, li huwa jinzamm f’ambjent li joffri livell ta’ kontroll, bil-ghan li dan l-ambjent ikun jista jghin lill-imputat izomm il-boghod mill-abbuz tad-droga sabiex matul dan il-perjodu l-imputat ikun jista jigi preparat bl-ghajnuna tal-Ufficjal tal-Probation ghall-programm residenzjali.

Illi minn ezami tar-rapport dwar **Mark Sciortino** [fol 42 et seq] jirrizulta li l-imputat huwa disokkupat, u huwa ghamel zmien l-Isptar Monte Carmeli. L-imputat stqarr mal-Ufficjal illi huwa beda jabbuza bid-droga fuq bazi regolari minn mindu kellu erbatax il-sena, meta kien ipejjep il-Cannabis u jiehu l-Ecstasy. Illi meta kellu hmistax il-sena beda jabbuza ukoll mid-droga Eroina u sussegwentement mid-droga Cocaina fuq bazi regolari. Illi

sussegwentement huwa beda l-kura tal-Methodone u beda jattendi, wara l-intervent ta' ommu ghal xi individual counselling fi hdan l-agenzija Caritas, ghalkemm dan il-kuntatt sehh biss ghal ftit gimghat. Doctor Ellul spjega ukoll lill-istess Ufficjal illi qabel l-imputat dahal fil-Facilita` Korrettiva ta' Kordin fuq arrest preventiv in konnessjoni ma din il-kawza u cioe` fl-ewwel ta' April, 2004 l-imputat kien ghadu qed jiehu d-droga ghalkemm kien qed jiehu ammont ta' 50mg Methadone. Il-psikjatra Doctor Spiteri pero jghid illi ghalkemm huwa minnu li l-imputat ghandu storja ta' abbuz minn sustanzi varji, illum il-gurnata qed jigi amministrat lilu ammont ta' 20mg Methadone. Jidher illi l-imputat ma jzommx kuntatt mal-Caritas b'mod regolari. Illi f'dan ir-rigward ukoll, l-Ufficjal issuggeriet lill-Qorti illi l-imputat ghandu jibda u jiffinalizza programm residenzjali kontra l-abbuz tad-droga bil-ghan li jitpogga fuq it-triq it-tajba. Illi hija issuggeriet illi l-imputat ghandu jigi segwit minn ufficjal tal-Probation waqt li l-imputat qed isegwi il-programm residenzjali.

Il-Qorti esaminat il-fedini penali taz-zewg imputati esebiti fl-atti bhala dok A u B a fol 5 et seq. Illi filwaqt illi **Mark Sciortino** ghandu fedina penali netta u konsegwentement ghandu jigi trattat bhala "first time offender", il-fedina penali ta' **Stephen Vassallo** diga ghandha registrat fuqha tlett convictions dwar diversi serqiet u pusess ta' droga meta l-istess imputat **Vassallo** kien inghata piena ta' prigunerija, multi kif ukoll sentenza sospiza, izda dan nonostante l-imputat rega qieghed il-Qorti u akkuzat bl-akkuzi odjerni.

Ikkunsidrat:

Illi d-difiza talbet lil din il-Qorti sabiex turi hniena u klemenza mal-imputati peress li ghandhom il-vizzju tad-droga u peress li jridu ifieq–u minn dan il-vizzju u problema. Talbet lill-Qorti sabiex taghtihom kull opportunita` u facilita` biex l-imputati ikunu jistghu jsegwu kors adegwat sabiex jehilsu minn din il-problema u vizzju. Illi pero d-difiza ma pproduciet l-ebda xhud biex issahhah din it-talba bhal per ezempju xi rappresentant tas-sezzjoni tar-riabilitazzjoni li hemm gewwa l-Facilita` Korrettiva ta'

Kordin, jew xi rappresentant tal-Caritas jew Sedqa sabiex juru lill-Qorti r-rieda allegatament tajba tal-imputati u cioe` sabiex juru lill-Qorti x'facilitajiet hemm fi hdanhom ghal min tassew irid jehles darba ghal dejjem minn dan il-vizzju mishut tad-droga li hawn f'pajjizna.

Illi din il-Qorti dejjem ghamlet minn kollox u dak kollu li huwa possibbli sabiex tghin lil kull min deher quddiemha bhala imputat u kellu din il-problema serju hafna u f'kazijiet bhal dawn, il-Qorti dejjem tat kull opportunita sabiex vittmi ta' droga jfiequ minn dan il-vizzju. Din il-Qorti dan ghamlitu meta kienet konvinta li min kien quddiemha ried tassew u genwinament johrog minn dan il-problema u min wera rieda tajba w affidabilita u ghalhekk kien jisthoqqlu li jinghata cans li jfieq u jerga jirrintegra ruhu tajjeb fis-socjeta`.

Illi f'dan il-kaz taz-zewg imputati odjerni il-Qorti ma hi qed thossha xejn konvinta kemm din it-talba taghhom biex johorgu minn din il-problema hija wahda sinciera u affidabbli. Jirrizulta li veru li dawn l-imputati jabbuzaw mill-uzu tad-droga izda ma jirrizultax kemm kienu genwini l-isforzi taghhom precedenti biex jghelbu dan il-vizzju li certament ilu fuqhom ghal diversi snin. Jirrizulta illi huma t-tnejn attendew ghal xi ghajnuna mal-Caritas izda dan in-nuqqas ta' affidabilita` u sincerita` jirrizulta mill-fatt li jidher li ma sar l-ebda progress posittiv tul dan iz-zmien kollu li huma ilhom imorru l-Caritas kif ukoll mill-fatt li anke fil-kaz mertu ta' dawn il-proceduri l-imputat **Mark Sciortino** iddikjara li huwa ma jridx jaghmel programm residenzjali filwaqt li Doctor Ellul jghid li Stephen Vassallo baqa jiehu d-drogi sa ftit jiem qabel ma gie imressaq il-Qorti. F'dawn ic-cirkostanzi ghalhekk il-Qorti thoss li din it-talba u sottomissjoni tad-difiza ghall-klemenza saret biss biex il-Qorti ma tinfliggix piena karcerarja fuq dawn iz-zewg imputati, jew jekk tinfliggi piena karcerarja, din tkun wahda minima, u xejn aktar. Il-Qorti ma tara l-ebda sincerita` jew sforz genwin minn naha tal-imputati, ghar-ragunijiet ga imsemmija, u temmen li dawn qed jipprovaw jinqdew b'rimedju esistenti li qieghed hemm biex jghin lil min tassew qieghed fil-bzonn tal-ghajnuna u mhux qieghed hemm sabiex jinghata lill-kulhadd daqs li kieku kien bi dritt

awtomatiku.  Dan ir-rimedju ghandu jinghata **biss** fejn il-Qorti verament thoss u hija tal-opinjoni li ghandu jinghata lil min jisthoqqlu wara li tkun konvinta mis-sincerita` u genwinita` tieghu.

Ghalhekk ghal dawn ir-ragunijiet, dwar il-piena l-Qorti thoss li m'ghandiex tkun klementi maghhom u fl-istess hin thoss illi l-piena m'ghandiex tkun l-istess peress li l-imputat Stephen Vassallo huwa recidiv bl-istess reati akkuzat bihom illum u cioe` attentat ta' serq u pusess ta' droga filwaqt li l-imputat Mark Sciortino huwa "a first time offender".

Il-Qorti rat l-artikoli tal-ligi u cioe` l-artikolu 8 (a) tal-Kap 101, 41, 49, 50, 261 (b) (c), 264, 267, 279, 280, 281, 325 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Konsegwentement tiddeciedi wara li tiddikjara li qed issib lill-imputati hatja tal-akkuzi kif addebitati fil-konfront taghhom billi tikkundanna lill-imputat STEPHEN VASSALLO ghall-piena komplessiva ta' prigunerija effettiva ta' perjodu ta' sentejn mill-lum. Il-Qorti taghmel ir-rakkomandazzjoni taghha lid-Direttur tal-Facilita` Korrettiva ta' Kordin sabiex f'kaz illi l-imputat Stephen Vassallo juri verament li jixtieq jindirizza l-problema tieghu tad-droga huwa ghandu jaghtih l-attenzjoni kollha mehtiega ghal dan ir-rigward.**

**Tiddeciedi li tikkundannha lill-imputat MARK SCIORTINO ghall-piena karcerarja ta' sentejn prigunerija pero fil-kaz ta' Mark Sciortino, tordna li s-sentenza ma ghandhiex tibda issehh hlief jekk, matul il-perjodu ta' sentejn l-imputat jikkommetti reat iehor li ghalih hemm piena ta' prigunerija.  Ai termini tal-artikolu 28 (G) (1) fil-konfront ta' MARK SCIORTINO, il-Qorti qieghda b'zieda taghmel ordni ta' supervizjoni billi qieghda tpoggi lill-hati Mark Sciortino taht is-supervizjoni ta' ufficjal sorveljanti ghall-perjodu ta' sentejn.**

**Tordna ukoll li l-imputat MARK SCIORTINO ghandu jibda programm residenzjali minnufih bhala kundizzjoni ewlenija f'din l-ordni ta' supervizjoni. Tordna li ai termini tal-artikolu 28 (G) (4) li kopja ta' din l-ordni ta' supervizjoni tigi notifikata lill-ufficjal sorveljanti u ghal dan il-ghan il-Qorti qed tinnomina lill-ufficjal tal-Probation John Testa.**

**Il-Qorti spjegat l-import ta' din is-sentenza liz-zewg imputati.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------